**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, ĦAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 40 – Il-Ħamis 12 ta' Novembru 2015 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.00p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi korrezzjonijiet tal-minuti nr 39.

1.2 Peress li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet, fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 39 tad-29 ta' Ottubru 2015 ġew approvati unanimament

## 2. ARISING

2.1 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq 2.8 ir-*request* li kienet saret biex tikber ftit il-bankina fi Triq il-Forn peress li qed isr parking ħażin. Dr. Sant qal li wara l-laqgħa li għaddiet kien ċempel lil Clayton fejn kien spjegalu eżatt x'irid isir. Għandna nagħmlu appuntament biex Dr. Sant jiltaqa' ma' Clayton fuq il-post biex jaraw x'jista jsir.

2.2 Wara li ssir il-bankina għandhom isiru 'No Parking' signs mill-Kunsill kull nhar ta' ġimgħa għal sagħtejn għal-loading u unloading fil-ħinijiet li jkunu iridu il-ħwienet ta' hemmhekk.

2.3 Is-Segretarju nfurmat li TM ma approvawx li jsiru loading u unloading f'din it-triq għax skond huma l-ħwienet li jirrekkjedu dawn is-signs m'humiex skond il-policies tat-Transport Malta għal din ir-*request*.

2.4 Il-Minority Leader tkellem fuq il-Pama Complex li huwa l-Mosta u Triq Pantar fejn qed jgħaddu kanen kbar ta' l-ilma u bilfors irid isir resurfacing. Li kieku isir hekk ser ikun hemm biċċa l-kbira tat-triq li tkun lesta.

2.5 Is-Segretarju nfurmat li alavolja għandna l-istima tal-patching fi Triq Pantar, dan mhux ser isir għalissa.

2.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u s-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmu fuq il-linji ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela ħdejn Kinds. Is-Sinjorina Farrugia qalet li qabel ma jsir ir-refreshing tal-linji, irid l-ewwel jinqata' l-ħaxix li hemm mal-ġebel, inaddfuha sewwa anke bl-ilma. Is-Segretarju nfurmat li kienet saret it-talba mat-TM biex jitkomlew il-lines u jsiru is-signs.

2.7 Is-Segretarju nfurmat li fi Triq ta' Sejduna ser isir patching fejn hemm bżonn mill-istess kuntrattur tal-Kunsill. Dan ser isir mir-resident li joqgħod hemm stess.

2.8 Is-Sindku tkellmet fuq il-ħitan li twaqgħu f'din l-area, imma s-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jumejn wara li waqgħu dawn reġgħu itellgħu.

2.9 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant tkellem fuq 4.10 tal-minuti fejn huwa nforma li bagħat xi ritratti ta' Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Dun Ġużepp Tanti fejn hemm bżonn li isir iktar *patching*.

2.10 Is-Segretarju nfurmat li l-*patching* li kellu isir skond l-istima li kellna, sar minbarra Triq Pantar. Hija kompliet tgħid li wara li l-Perit jiċċertifika x-xogħolijiet u jintbagħat il-kont, naraw f'hiex inkunu bħala finanzi u nkomplu b'programm ieħor ta' *patching*. Sadanittant il-ħaddiema tal-Kunsill il-Ġimgħa 13 ta' Novembru ser iduru ir-raħal kollu u jagħmlu *patching* ta' toqob żgħar. Wara li jsir dan, inkunu iktar f'pożizzjoni biex naraw fejn ikun għad hemm bżonn ta' *patching*.

2.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet biex forsi meta isir xogħol ta' *patching* nikru roller. Għanda inġibu xi kwotazzjoni fuq dan anke kwotazzjoni ta' roller b'ħaddiem f'il-kas li dan ir-roller bilfors ikollu jinstaq minn ħaddiem tagħhom.

2.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-4.13 fejn infurmat li iċċekkjat fuq c-cinema u l-film; attivita li ser isir nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru 2015. Hija qalet li l-prezz ser ikun bejn wieħed u ieħor bħal tas-sajf dak ta' €8.00 bil-popcorn u drink inkluż.

2.13 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet x'għamilna fuq il-bankina tal-Pjazza fejn kien ġie deċiż li jsiru bollards bil-katina biex ma jsirx iktar parking fuq il-bankina. Is-Segretarju nfurmt li l-bollards ġew ordnati b' prezz tajjeb ħafna. Dawn waslu l-uffiċċju tal-Kunsill. Trid tinxtara l-katina u jitkejjel fejn eżatt ser jitwaħħlu l-bollards. Dawn iridu jitwaħħlu b'talli mod li jkun jista' jgħaddi wheelchair. Iridu jiġu kkuntattjati r-residenti li qed jipparkjaw fuq il-bankina biex nagħtuhom iċ-ċavetta biex ikunu jistgħu jidħlu fil-garage imma ngħidulhom ukoll biex ma jibqgħux jipparkjaw fuq il-bankina. Jekk jibqa' isir dan, irid jibda isir rapport.

2.14 Is-Sindku nfurmat li s-Sinjorina Isabelle Taliana, l-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ nfurmata li ma setatx tattendi għall-laqgħa.

## 3. VIP LIST

3.1 Resident qed jitlob permess biex jagħmel mera fi Triq Robert Mifsud Bonniċi faċċata tad-drive-in għax diffiċli biex tara jekk jkunux ġejjien karozzi. Id-drive-in tinstab ma' ġenb tal-uffiċċju tal-Kunsill. Lest li jħallas l-ispejjez hu. Trid tingħata iktar informazzjoni bħal indirizz fejn qed jitlob eżatt li ssir il-mera.

3.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk tistax isir xi ħaġa fuq l-speeding fi Triq Robert Mifsud Bonniċi c/w Transfiguration Avenue. Hemm bżonn żgur li isir *refreshing* ta' l-stop signs f'din it-triq u anke Triq is-Salvatur għal Triq Fernand Gregh u Triq Karlu Darmanin għal Triq Sir Ugo Mifsud.

3.3 Is-Sindku nfurmat li fi Triq Sant'Andrija kien hemm sign ta' rampa li din ir-rampa kienet tneħħiet. Din is-sign tista titneħħa u titpoġġa iktar il-fuq anke minħabba t-tfal ta' l-iskola.

3.4 Is-Segretarju ressqet il-Bye-laws fuq il-mejda tal-Kunsill. Dawn għandhom jiġu approvati wara li għadda ż-żmien li l-pubbliku kellu ċ-ċans li jarahom fl-uffiċċju tal-Kunsill. Wara li jiġu approvati mill-Kunsill, dawn jintbagħtu lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

Il-Bye-laws kienu fuq :

a. Reklami fuq għamara tat-toroq
b. Użu ta' faċilitajiet
c. Ħarsien tat-torri Belvedere u l-Mitħna ta' l-Għadiriet
d. Notice-Boards

Dawn il-byelaws ġew approvati unanimament. Għandhom isiru notices fuq il-bye-laws fin-noticeboards tal-Kunsill.

3.5 Is-Segretarju ressqet għal l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtara *Tape non slip* għal latrina tan-nisa u l-irġiel il-prezz huwa ta' €2.75 il-metru u għandna bżonn bejn wieħed u ieħor 51 metru li jiġu jiswew €140.25. Din ir-request ġiet approvata unanimament.

3.6 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill *Claim* fi Triq Pantar għax fl-aħħar laqgħa ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni. Is-Sindku u l-Kunsill qalu li l-problema hija li ma għandix flus biex inħallsu dawn il-*claims*.

3.7 Residenta li toqgħod fi Triq Enejja qed titlob biex jerġgħu jitwaħħlu tabelli li ma jidħlux trukkijiet fil-bidu tat-triq. Din ġiet approvata unanimament.

3.8 Update Re Ħmieġ tal-ħamiem – Mr. Nigel Cassar mis-Sanita xtaq jinforma lill-Kunsill li għandhom mod kif jeħilsuna mill-ħamiem darba għal dejjem. Is-Sanita bħalissa qed taħdem ma' dipartiment ieħor biex jaqbdu il-ħamiem jew b'xi nassa jew jisparawlhom. Pero dan id-dipartiment jitlob li jkun hemm pulizija u mhux warden preżenti waqt li jkunu qed jaqbdu l-ħamiem. Mr.Cassar spjega li l-arranġamenti u spejjez tal-pulizija jrid jieħu ħsiebhom il-Kunsill u jkun jista' biss imexxi l-ilmenti li għamilna fuq il-ħamiem eżatti kif il-Kunsill jagħtih konferma li huwa lest li jieħu ħsieb l-arrangamenti tal-pulizija. Il-ħlas ta' pulizija huwa ta' €12.69/hr, *minimum charge* ta' 2 hrs. *Subject to availability* u jekk tkun ser tingħalaq it-triq minn żewġ naħat hemm bżonn ta' żewġ pulizija.

Saret diskussjoni fuq din l-*issue*. Il-Kunsill qabel li din tinbeda minn triq waħda f'dawn il-postijiet li mhumiex abitati bħal djar ġo Triq Il-Kbira u Triq id-Dejqa.

Għandhom jiġu ikkuntatjati żewġ persuni li jistgħu jgħinu fuq dan biex ikunu jistgħu jidħlu f'dawn id-djar abbandunati. Irid jiġi iċċekkjat jekk din il-biċċa xogħol isirx mit-triq jew mid-djar. Il-Kunsill qabel għalkemm mhux unanimament li dan għandu isir.

3.9 Is-Segretarju resqet *request* mingħand residenta għal ' SLOW' biż-żebgħa fi Triq il-Forn. Il-Kunsill qabel unanimanent ma dan ir-request u wara li tigi approvata mit-TM, trid tiġi orndata mingħand il-Koptasin.

3.10 Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk l-flyer tal-laqgħa mar-residenti rigward il-Lija Plans fl-10 ta' Diċembru għandux jitqassam lir-residenti kollha. L-ispiża bejn wieħed u ieħor tkun ta' €181.00 u biex titqassam €40.00. Il-Kunsill qabel dwar dan. Il-Kunsill qabel li għandha ssir flyer waħda li tinkludi l-laqgħa fuq it-traffiku, l-attivita' ta' Father Christmas fil-21 ta' Diċembru u Cinema Day fid-19 ta' Diċembru. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tat l-informazzjoni kollha lill-uffiċċju fuq l-attivitajiet tal-Milied.

3.11 Il-Laqgħa tat-traffiku ġie ikkonfermat li ser isir nhar l-10 ta' Diċembru fis-6.00p.m. fil-Kulleġġ Santa Theresa.

3.12 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li wara kien ġie deċiż li jitneħħa il-*mobile expense* tal-Contracts Manager u anke issa ukoll il-4% fuq il-paga tal-ħaddiema ta' l-IPSL, il-contracts manager informa li biex joħroġ mill-kuntratt tal-mobile, peress li għadu ma skadix, trid titħallas is-somma ta' €200.00. Huwa qal ukoll li huwa xorta waħda għadu iċempel minn fuq il-mobile tiegħu għall-Kunsill. Peress li l-kuntratt tal-mobile iħallsu l-Contracts Manager, ġie deċiż mill-Kunsill li tingħatu allowance ta' €20.00 fix-xahar għal mobile.

3.13 Resident li joqgħod fi Triq Merino No.14 xtaq jistaqsi l-Kunsill jekk il-Kunsill jiprovdilux spaction tal-ħadid (frame) biex jibdel l-spaction ta' ħdejn id-dar tiegħu minflokk li għandu tal-konkos. Huwa lest li jwaħħlu hu. Ovvjament l-spaction privat. Kif ukoll is-Sinjur Borg kien għamel request għan-nom ta' oħtu li toqgħod no.10 Triq id-dejqa biex isir kaxxa żgħira quddiem il-bieb tagħha minħabba li jipparkjaw eżatt quddiem il-bieb tagħha TM ma approvawx dan ir-request u qalu li dik hija area ta' tow zone pero m'hemm l-ebda sign li turi dan. Għalhekk ir-residenti qiegħed jitlob li ssir sign li turi li dik l-area hija tow zone. Kif ukoll xtaq jistaqsi li qabel kien hemm diġa double yellow lines quddiem il-bieb tagħhom u meta saret it-triq ma baqawx hemm ovvjament. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru yellow lines li kienu diġa hemm u kienu diġa approvati u ssir ukoll s-sign ta' tow zone.

3.14 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li TM ma approvawx kaxxa żgħira safra quddiem il-bieb ta' residenta li toqgħod fi Triq Sir Ugo Mifsud u li għandha bankina dejqa u li tuża l-frame biex timxi. It-TM issuġġerew li l-Kunsill għandu iwessa l-bankina. Dan mhuwiex possibli li jsir.

3.15 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li qed ikollha problema biex issarraf iċ-cheque tal-Petty cash għax iż-żewġ firmatarji iridu ikunu preżenti biex insarrfu dan iċ-cheque. Ġie deċiż li nieħdu l-parir ta' l-Accountant biex naraw kif ser imexxu. Ġie issuġerit li jsir cheque darbtejn fis-sena għal petty Cash u b'hekk għal anqas is-Sindku ikollha darbtejn biss li tmur il-bank flimkien mas-Segretarju biex issarraf dan iċ-cheque.

3.16 Is-Segretarju resqet fuq il-mejda tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet għal Insurance coverage tal-Kunsill għal sena. L-Insurance tal-Kunsill tagħlaq fl-4 ta' Diċembru 2015.

Dawn kienu mingħand :
Middle Sea Insurance għal l-ammont ta' €1062.98
MIB Insurance għal l-ammont ta'- €954.97
AIB Insurance għal l-ammont ta' €938.52

Għandu jiġi iċċekkjat jekk il-policy tinkludix il-*flooding* u xi inċident ta' xi ħadd fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat li l-Insurance hija fuq l-uffiċċju u l-Kunsill. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li jekk il-policy hija normali bħal ma kienet fuq l-uffiċċju u l-istaff għandna nżommu l-istess Insurance Broker. It-tlett policies għandhom jintbagħtu lill-Kunsill b'e-mail.

3.17 Is-Sindku tkellmet fuq xogħolijiet ta' patching. - Sqaq nr 1 Triq il-Kunċizzjoni. Min jistaqsi għandna ninfurmaw lir-residenti ta' l-isqaq li qed jiġi pprepart kollox biex kif toħroġ l-applikazzjoni biex isiru l-isqaqien, il-Kunsill ikun ippreparat u kollox ikun lest. Jekk m'hemmx xi toqob kbar dawn jistgħu anke isiru bil-cold asphalt mill-ħaddiema tal-Kunsill

3.18 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet resident għandu problema bil-kanna ta' l-ilma fi Triq il-Kunċizzjoni. Dan l-ilment ġie rraportat lill-Water Services imma sar xejn minn naħa tagħhom. Hija qed titlob biex isir *follow up* mill-uffiċċju biex tingħata aktar għajnuna minn naħa tagħhom f'dan il-każ.

3.19 Is-Sinjura Magda Magri Naudi resqet e-mail mingħand residenta fuq *flooding* f'Main Street. Ir-residenta qed titlob laqgħa ma' rapresentant tar-Roads Department u l-Perit tal-Kunsill ta' dak iż-żmien John Rizzo Naudi. Is-Sindku qalet li l-Avukat issuġġerixxa li r-Roads Department għandhom ikunu preżenti għall-laqgħa minħabba l-livelli tat-triq. Il-Minority Leader informa li fuq dan l-ilment huwa kien iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill u kien ġie ssuġerit li jistgħu isiru culverts. Irid jiġi ikkuntatjat il-Perit.

3.20 Is-Sindku qalet li jekk isiru il-culverts f'din it-triq iridu isiru il-Culverts ta' Triq Geraldu Azzopardi.

3.21 Is-Sindku resqet ilment fuq garage f'Triq Depiro Gourgion li qed jintuża bħala *workshop* għandux permess biex jaħdem u anke minħabba l-istorbju. Irid jiġi iċċekkjat jekk huwa għandux permess biex jaħdem ix-xogħol għan-nies fil-garage tiegħu. Fuq l-istorbju, s-Segretarju nfurmat li l-Pulizija kienu nfurmat li dak li jkun jista jaħdem minn meta titla ix-xemx sa kemm tinżel.

3.22 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li Polidano Bros iridu pagament ieħor fuq il-PPP. Hija nfurmathom li qabel ma l-Accountant tagħmel ix-xogħol tagħha fuq dan il-proġett tal-PPP u l-affarijiet ikunu ċari mhux ser jinħareġ pagament ieħor. Hija spjegat ukoll li l-Kunsill ma għandux minn fejn iħallas. Is-Segretarju nfurmatu li l-Accountant trid tagħmel laqgħa magħhom u l-Kunsill biex jiġu diskussi l-affarijiet u jkunu ċari. Għandha tiġi konsultata l-Accountant fuq dan. Fl-aħħar ta' Novembru jew bidu ta' Diċembru trid isir il-laqgħa mal-Kumitat tal-Finanzi.

3.23 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kien hemm PQ fuq dejn akkumulat. Is-Segretarju infurmat li l-Accountant wieġbet li ma hemmx dejn akkumulat pero imbagħad tat ir-raġuni għaliex hemm. Is-Sindku qalet li hija riedet tgħid li sat tali xahar kiem hemm xi ftit dejn imma sa l-aħħar tas-sena ser niġu breakeven. Din il-PQ bir-risposta għandna tiġi *forwarded* lil Dr.Marc Sant bħala membru tal-Kumitat tal-Finanzi. L-Accountant kompliet issostni li l-Kunsill m'għandux *accumulated debts*.

3.24 Is-Sindku resqet *request* għal mera oħra faċċata ta' Sqaq it-Tut u anke tiġi *replaced* mera oħra li inkissret. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

3.25 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-ħajt imwaqqa fi Triq Annibale Preca ġie irranġat illum il-Ħamis 12 ta' Novembru 2015.

3.26 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li sa llum 12 ta' Novembru l-ammont ta' pending invoices jammonta għal €15,725.30. Hija tat spegazzjoni li kif u meta irċevejna dawn il-fondi. Hija qalet li għamilna avanz kbir imma fadlilna ftit ieħor biex niġu f'tana kompletament.

3.27 Il-Minority Leader staqsa fuq il-fondi li l-Kunsill li rċieva mingħand LES Reġjun Ċentru. Is-Segretarju nfurmat li dan il-kont jammonta għal €12,381.53 li minnhom

irid jitħallas il-patching u x-xogħoljiet mingħand il-Koptasin. Hija qed taħseb li ser jibqalna xi ftit flus biex inkomplu. Għad irridu nirċievu l-kwotazzjonijiet mingħand il-Koptasin fuq scarifying ta' żewġ reserved, żewġ zebra crossings u tad-dawl taz-zebra crossing.

3.28 Il-Minority Leader staqsa jekk nistgħux bhal mirja nixtru 'in bulk' u forsi tingħata discount. Is-Segretarju esprimit li dejjem tordna bl-eżatt peress hija ristretta ħafna fuq il-flus. Għandna nistaqsu lill-Koptasin jekk dan jistax isir.

3.29 Is-Sindku, poġġiet ittra fuq il-mejda tal-Kunsill mingħand l-Imħallef li joqgħod Ħal Lija fejn qed jagħmel request għal 'Reserved Parking' mal-bankina tar-residenza tiegħu. Dan ir-*request* hija marbuta mal-kariga istituzzjonali li jokkupa, hemm konsiderazzjonijiet ta' sigurta. Hija ssuġerit u l-Kunsill qabel li għandha ssir talba mat-TM.

## 4. FESTIVAL TAĊ-ĊITRU 2016

4.1 Is-Sindku tkellmet fuq l-applikazzjoni li rridu nisottomettu sa 20 ta' Novembru 2015 biex nappplikaw għal fondi għal din l-attivita dejjem jekk jagħtuna.

4.2 Hija nfurmat lill-Kunsill li għamlet kuntatt anke ma' Casa Sant'Cassia biex intellgħu din l-attivita hemm, imma dawn ma aċċettawx. Kien hemm suġġerimenti oħra bħal University Residence fejn ic-Chalet jew is-Salvatur il-Qadim.

4.3 Wara diskussjoni ġie deċiż li nistaqsu lill-Kappillan biex nistaqsu jekk jaghtinix is-sala tal-Mirakli u nuzaw il-ġnien tal-Mirakli ukoll biex l-attivita isir '*indoors u outdoors'*. Għandhom jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jaraw x'hemm bżonn isir fil-ġnien tal-Mirakli bħal per eżemplu l-bankijiet u l-*play equipment.* Tista tinfetaħ u tintuża l-Mithna ukoll. Din ser isir fl-10 ta' Jannar 2016. Is-Sindku għandha tagħmel kuntatt mal-Kappillan biex nistaqsu jekk ikunux jista jagħtina is-sala tal-Mirakli anke bla ħlas bħal ma jiġri s-soltu.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-Erbgha 11 ta' Novembru 2015 hija marret il-laqgħa tar-Reġjun u għada qed tistabilixxi ruħha s-sistema l-ġdida tal-Wardens. Hija qalet li qed jipprovaw jiġbru d-dejn ta' ċitazzjonijiet ta' qabel li ma tħallsux, anke jista' jkun ser jitqabbad avukat. Hija kompliet titkellem fuq l-andament ta' din il-laqgħa.

5.2 Il-Minority Leader staqsa fuq ittra li daħlet mingħand l-Ispettur Decelis mill-uffiċċju ta' l-Ispettur Ferris tal-Crime fuq *forged signature*. Hija qalet li din l-e-mail kienet fuq l-appuntament li hija flimkien mas-Sindku kellhom nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru ma' l-Ispettur Ferris ġewwa id-Depot tal-Furjana. Hija qalet li għada qed isir l-investigazzjoni u ser isir laqgħa oħra ma' l-Ispettur nhar it-30 ta' Novembru 2015 fejn irridu nagħmlu *photocopy* tat-tender kollha tal-Waste Collection. F'din il-laqgħa ser jiġi imsejjaħ il-Kunsill ta' Ħ'Attard u magħhom iridu iġibu ukoll it-tender documents tagħhom flimkien ma l-ittra oriġinali fejn ġiet 'forged' il-firma. Sadanitant mill-uffiċċju ta' l-Ispettur Ferris ser jagħmlu kuntatt mal-Kunsill ta' San Ġwann biex huma ukoll iġibu l-letter of reference li saret f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija u l-Kunsill ta' Santa Venera biex jistaqsuhom ċerti domandi.

5.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat lill-Kunsill li kellimha is-Sindku ta' l-Imġarr fejn ġibdilha l-attenzjoni b'numru tar-reġistrazzjoni fuq truck li meta qed imur jarmi l-WasteServ qed jarmi f'isem Kunsill li huwa ma jaħdimx miegħu. Il-Contracts Manager ukoll ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju b'żewġ numri ta' reġistrazzjoni ta' trukkijiet li qed jarmu f'isem Ħal Lija. Filfatt l-ebda *Registration number* m'hu li qed jaħdem f'Ħal Lija. Huma kollha Reg. Nrs ta' kuntrattur li kien jaħdem f'Ħal Lija. Il-WasteServ ser jieħdu l-passi fuq dan.

5.4 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li ikkonfermat li l-kunttrattur eżiżtenti ta' Ħal Lija qed imur jarmi l-garbage ta' Ħal Balzan qabel ma jibda jiġbor f'Ħal Lija. Hija għamlet sorveljanza mal-Contracts Manager.

5.5 Is-Segretarju nfurmat ukoll li kif kien deċiż hija marret tagħmel spezzjoni fuq il-knis f'diversi toroq. Hija qalet li meta marret deher li ma kienx hemm problemi.

5.6 Il-Minority Leader staqsa fuq e-mail rigward 'Sejħa għal Proġetti Finanzjati mill-EU' Is-Segretarju spjegat li din kienet laqgħa għas-Segretarju, staff u minn hu involut fil-progetti ta' l-EU. Hija qalet li s-Sinjorina Stephanie Cutajar, Viċi Sindku ma setatx tattendi, is-Sindku ser tkun imsiefra u s-Segretarju ma setatx tattendi l-anqas. Hija nfurmat li ġiet infurmata li dan is-Seminar ser jerġa' isir darb'oħra.

5.7 Il-Minority Leader staqsa fuq e-mail fejn talbu lill-Kunsilli jekk fil-lokal tagħhom għandhomx *zebra crossings for the blind.* Is-Segretarju wieġbet li Ħal Lija ma għandux għax qatt ma nħasset il-ħtieġa u qatt ma kien hemm *requests* għal dan.

5.8 Il-Minority Leader staqsa fuq e-mail fuq il-hawkers fi Triq Preziosi c/w Triq il-Mosta fl-4 ta' Ġunju 2015. Is-Segretarju nfurmat li din kienet *complaint* li ġiet solvuta. Pero s-Sindku ressqet ilment ieħor fuq l-istess ħaġa fl-istess triq il-ġurnata ta' qabel fejn kien hemm ta'l-imqaret. Dan għandu jiġi rraportat lill-Pulizija.

## 6. SKEDA TA' ĦLASIJIET

6.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia u il-Minority Leader Dr. Marc Sant ma approvawx pagamenti nr 1, 2 u 3 tal-Waste Collection.
Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondata mis-Sinjoirna Stephanie Cutajar l-iskeda tal-ħlasijiet ġew approvati.

## 7. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

7.1 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq triq id-Dejqa fejn qed isiru xogħolijiet ta' Stickland. Is-Segretarju nfurmat li marret on site u x-xogħoljiet għadhom għaddejjin u meta marret kien hemm żewġ inġejni. Meta jitlesta ix-xogħol, il-Perit jiċċertifika li ma saret ebda ħsara fit-triq li għada kif saret.

7.2 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat li hi flimkien mas-Segretarju marret *on site* fl-iżvilupp li qed isir ħdejn il-Mitħna. Hija qalet li aħna iltqajna mal-Perit. Huwa ħa xi ritratti tal-Mitħna biex joħroġ ir-rapport fuq il-Mitħna, rajna ukoll il-ħajt li jifred il-Mitħna minn dan is-sit u li ma għandux jintmess. Hija qalet li talbet lill-Perit biex kif inhuma fiż-żifna itellgħlaw il-ħajt tal-Mitħna li kien għadu ma sarx. Huwa ser jistaqsi lil *owner* b'dan ir-request. Il-Perit aċċertana li bil-liġi trid titħalla 9 metri mill-ħajt tal-Mitħna sal-ħajt tagħhom. Is-Sindku kompliet tgħid li lill-Perit qaltlu li dan irid ikun lest sal-Milied permess li ser ikun hemm exhibition fil-Mitħna. Il-Minority Leader staqsa fuq jekk hemmx bżonn isiru xi garanziji minħabba l-Mitħna. Is-Sindku qalet li l-importanti ngħidu lill-ġardinar biex jaqta l-ħaxix u t-tina hemmhekk għax reġgħet kibret.

7.3 Is-Sur Massimo Scerri qal li fis-sajf kien irraporta bozza fin-naħa ta' wara fil-ġnien li mhux qiegħeda tixgħel. Din qeda eżatt wara l-pitch. Għandu jiġi iccekkjat jekk ġietx imsewijha.

7.4 Is-Segretarju nfurmat li in-naħa ta' Transfiguration Avenue hemm faulty line. Dan wara li l-kuntrattur iċċekkja dan. Dan il-fault jidher li ġej meta saru x-xogħoljiet fit-triq arterjali Naxxar Road. Il-Kunttrattur ser isewwi din il-ħsara.

7.5 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq x'ġara fuq id-dawl li kien ġie deċiż fuq iz-zuntier. Is-Segretarju nfurmat li l-kappillan aċċetta li jerġgħu jitwaħħlu l-foodlights li kienu inqalgħu.

7.6 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li f'Tal-Mirakli area hemm bżonn doggy bins ħdejn il-Mitħna.

7.7 Il-Minority Leader qal li fi Triq San Liċinju hemm siġra li qed jixxebblek ħafna l-barra ta' l-ewwel dar. Għandu jiġi kkuntatjat is-sit biex jiżborha.

7.8 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq id-devoluzzjoni tal-binja tal-Kunsill f'hiex waslet. Is-Segretarju nforma li ser tiġi konsultata l-Accountant peress li hemm sezzjoni fuq finanzjament li trid timtela b'għajnuna tagħha.

7.9 Is-Sur Massimo Scerri u l-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsew jekk hux ser nagħmlu tiżjin tal-Milied din is-sena. Għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet għal tiżjin mill-Pjazza sat-Torri. Is-Segretarju fakkret li meta inġibu kwotazzjonijiet is-sena l-oħra kienu għoljin ħafna. Anke jekk isiru dawra bid-dawl. Għandna nistaqsu lill-Kumitat ta'l-Armar biex jagħtuna kwotazzjoni ta' xi ħaġa mhux daqshekk għolja.

7.10 L-Minority Leader qal li fi Triq Dun Ġużepp Tanti hemm xi tlett *building sites* jekk hux qed jiġu *monitored*. Mill-uffiċċju issa qed tintbagħat fuq kull żvilupp li qed nirċievu mill-MEPA. Qed imorru *on site* biex naraw x'qed isir? Anke fi Triq il-Kunċizzjoni fejn qed isiru żviluppi qegħdin naraw li għandhom kollox kif suppost?

7.11 Il-Minority Leader qal ukoll li hemm bżonn li il-humps jiġu refreshed biż-żebgħa bajda.

7.12 Il-Minority Leader staqsa lill-Kunsilliera jekk jibdiex jippjana xi ħaġa bħal data, fuq tal-Heritage li kien semgħa il-laqħa li għaddiet. Ġie deċiż li din l-attivita ssir fil-bidu ta' Frar.

7.13 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq il-Moulin d'Or. Is Segretarju tkellmet mas-sid tal-Moulin D'Or fuq il-garnazija tal-bankina peress li qegħdin jitilgħu b'inġenji fuq il-bankina. Is-sid qal li huwa ser ikompli ikisser il-bankina kollha biex jirranġa u jagħmilha sewwa. Huwa qal u s-Segretarju ikkonfermat li l-garanzija saret mal-MEPA. Meta jitlesta x-xogħol, trid tiġi ċertifikata li l-bankina qeda sewwa u l-MEPA jirrellaxxaw il-garanzija. Is-Segretarju għandha tiċċekkja li l-ispejjes tac-*certification* tal-bankina jiġu meħudha mill-garanzija.

7.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-Bus Stop il-ġdid li kellu jitwaħħal fi Triq Kardinal Ferretti peress li dan għadu ma twaħħalx. Is-Segretarju kkonfermat li dan kien ikkonfermat li ser isir għalhekk għandu jiġi iċċekkjat. Għandu jiġi iċċekkjat meta ser tibda ir-rotta l-ġdida.

7.15 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tressaq ilment li fi Triq Kardinal Ferretti hemm resident li qiegħed jitfa garbage u bulky refuse f'għalqa. Dan ir-resident joqgħod hemm stess. Is-Sinjorina Farrugia għandha tagħtina iktar dettalji biex jiġi konsultat fuq dan l-ilment.

7.16 Is-Sinjoirna Lorraine Farrugia staqsiet fuq ser nagħmlu fuq il-Majka tal-fanali li qatt ma sibna irkaptu tagħhom. Is-Segretarju nfurmat li l-majka qegħeda fit-tond allura ma tistax ssir tal-ħġieġ. Il-parir ta' l-ESS kien li dawn nagħmluhom buffering. Il-ħaddiema tal-Kunsill diġa għamlu din il-biċċa xogħol fuq xi fanali imma wara ftit reġgħu ġew kif kienu. Is-soluzzjoni tissolva billi jinxtraw fanali ġodda imma li bħal issa ma jistawx jinxtraw fanali ġodda. Forsi l-fanali għandu jkun proġett għas-sena d-dieħla.

## 8. IL-LAQGĦA TAL-KUNSILL LI JMISS

8.1 Għalkemm kien diġa ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun fil-15 ta' Diċembru 2015, kien hemm xi problemi fuq id-data u ġie deċiż li il-laqgħa li jmiss isir fis-17 ta' Diċembru 2015 fl-4.30p.m.

## 9. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-7.48 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |